MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 264/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fis-6 ta' Settembru 1986 (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A);

Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-seprazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt pubbliku in atti Nutar Dottor Joseph Debono fis-6 ta' Novembru 2003 (kopja annessa u markata Dok B);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, li llum huma maggorenni u l-manteniment dovut ghalihom gie kollu mhallas;

Illi l-partijiet iddekadew reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu jew jircievu l-manteniment minghand xulxin;

Illi sal-lum ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata Josephine Zarb bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dina l-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Settembru, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Novembru, 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------